# Żewġ traġedji kbar fil-Parroċċa tagħna.

Tony Terribile

Bla dubju ta xejn is-sena 1942, kienet sena tal-biża fi ġrajjiet art twelidna għar-raġuni li fdin is-sena l-qawwa Nażista firxet il-qilla tagħha fuq il-gżejjer tagħna.

F'din is-sena ġraw traġedji kbar madwar il-gżejjer tagħna li fihom mijiet ta' Maltin u Għawdxin ħallew ħajjithom taħt it-tifrik tal-bini. Ma dawn il-vittmi xieraq li nsemmu dawk ħutna Maltin li sfaw vittmi fuq il-baħar jew fl-ajru waqt li kienu jservu is-servizzi Ingliżi. Hawn ukoll insemmu n-numru kbir ta' bini li tlifna fl-attakki tal-għadu bħal m'huma xi bereġ tal-Kavalieri, it-tijatru Rjal filwaqt li bini ieħor ġarrab ħsarat kbar.

Tas-Sliema kienet waħda mill-miri tal-qawwa tal-għadu u għalhekk is-Sliemiżi batew ħafna waqt li oħrajn ħallew Tas-Sliema u marru evakwaw rwiehom f'għadd ta' irħula f'Malta u f'Għawdex. F'Tas-Sliema iġarrfu għadd kbir tad djar u oħrajn ġarrbu ħsarat kbar, iżda żgur li baqgħu jissemmew it-tlett traġedji kbar li seħħew fi Triq Santa Rita, ħdejn l-Għassa tal-Puluzija u ħdejn il-knisja Parrokkjali tagħna. L-Iskop ta' din il-kitba hu li nfakkru iż-żewġ traġedji li seħħew fit-toroq tal-Parroċċa tagħna.

Illum kif inhu xieraq dawn iż-żewġ traġedji huma imfakkra permezz ta' rħama waħda mqegħda mal-ħajt tal-Għassa tal-puluzija u oħra mal-ħajt tal-knisja faċċata tal-bieb tal-Kunvent fi Triq Dun Pawl Vella.

Ma dawn inżidu l-irħama li hemm qrib l-altar ta San Baskal li fiha hemm mniżżla il-parruċċani tagħna li mietu matul il-gwerra f'Malta u barra u kif wkoll fix-Xatt fejn f'dan il-Mafkar naqraw l-ismijiet tas-Sliemizi kollha li mietu matul iż-żmien ikraħ tal-Gwerra.



Is-sena 1942 uriet mill-bidu li kienet se tkun sena ta' attakki qawwija u ta' mwiet bla ħniena. Ninsabu fix-xahar ta' Marzu kmieni filgħodu għal ħabta tat-tmienja neqsin kwart. Kien il-jum tat-Tlieta 17 ta' Marzu meta ajruplan Ġermaniż waddab bomba li ġiet in-naħa tal-lemin tal-għassa tal-Puluzija eżattament fejn illum naraw l-uffiċju tal-HSBC. Din il-bomba, li jingħad ma kienetx qawwija ħafna għamlet ħofra kbira fit-triq u ikkawżat tant ħsarat fil-bini ta' madwar. Iġġarfu għadd ta' djar, oħrajn ġratilhom ħafna ħsara, fosthom spiċċaw għadd ta' gallariji, l-għassa ġarrbet ħsarat kbar wkoll. Riħa ta' gass mliet l-inħawi kollha iżda fuq kollox mietu 20 ruħ wħud minnhom membri tal-Parroċċa tagħna. Ħafna oħrajn ġarrbu ġrieħi gravi. Ix-xena jingħad li kienet waħda tal-biża, nies mejta, oħrajn jokorbu, twerżiq ta' ħbieb u familjari tal-vittmi. Numru ta' patrijiet kienu mill-ewwel fuq il-post u fosthom jissemmew Patri Alessandro, Patri Diegu u l-Kappillan Patri Ġorġ. Din it-traġedja nisslet luttu kbir fil-Parroċċa.

Ħmistax il-ġurnata wara din it-traġedja, il-Parroċċa kellha tgħaddi minn esperjenza oħra kerha tal-gwerra. Kien jum l-Erbgħa tat-Tniebri, 1 ta' April 1942 għal-ħabta tas-sagħtejn u għaxra, il-poplu ġera lejn il-kenn meta kienet nstemgħet is-serena. *Bomber* deher riesaq minn naħa tal-Belt u meta wasal qrib il-knisja tagħna waddab żewġ bombi ta' lewn ħadrani skur u dawn waqgħu quddiem il-kunvent u għamlu ħerba sħiħa u qatlu 28 ruħ, il-biċċa l-kbira tagħhom membri tal-Parroċċa tagħna u għalhekk nistgħu nobsru x'niket reġa waqa' fil-Paroċċa tagħna. Il-ħsarat kienu kbar ħafna fil-knisja, fil-kunvent u fid-djar ta' madwar il-Parroċċa. Patri Diegu Galdes OFM li tant ħadem fit-tħaffir tax-xelter tal-knisja, tilef ħajtu fil-kunvent, Patri Gorg Xerri OFM li

kien il-Kappillan, intlaqat fil-knisja u miet ftit xhur wara filwaqt li Patri Lino Mamo OFM inqabad ħiereġ mil-kamra tiegħu u s-soqfa ta' madwaru iġġarfu dak il-ħin. Bi grazzja tal-Madonna baqa ħaj. Nistgħu nobsru x'niket kbir waqa fil-familji fosthom dawk



li tilfu lil uliedhom li kienu qed jilgħabu qrib il-kunvent. Baqgħu jissemmew il-familja Bates li tilfet tlett ulied, il-familja Clarke li mal-omm intilfu żewġ ulied u l-familja Tabone li tilfet żewġ ulied. Kien hemm wkoll il-familja Cassar li tilfu żewġ membri tal-familja tagħhom! Bosta ohrajn ġarbu ġriehi gravi u serji.

Personalment ma niftakarx dawn iż-żewġ traġedji, iżda meta kont żgħir fis-snin ħamsin għadni niftakar il-qraba u l-ġenituri ta' dawn il-vittmi jibku waqt li jitkellmu fuq dawn it-traġedji.

Hu xieraq li illum f'għeluq is-70 sena , nsellmu lil dawn il-vittmi filwaqt li nagħmlu talba biex Ġesù u Marija ibgħedu minna il-gwaj ikraħ tal-Gwerra.



IN MEMORIAM

B'tifkira għażiża
ta'
Patri Diegu Galdes O.F.M.
Reliġjuż ħabrieki u dħuli
għal [illegible] snin Viċi Parroku,
Missjunarju fi-Tripli 1934-36,
fejn dejjem qabes għal-Maltin ħutu
li tilef ħajtu bil-bombi tal-għadu
nhar 1 ta' April 1942
fil-għomor ta' 52 sena.
[illegible] jibku t-telfa tiegħu
lil ħutu fil-qasam Franġiskan
lil ħutu u kull min kien jafu.
R. I. P.

Ġesù ħanin atih il-mistrieħ ta' dejjem.
*(Ind. ta' 7 snin u 7 quar.)*



Joseph Bartolo ta' 37 Sena, vittma ta' l-isplużżjoni ta' ħdejn l-Għassa li seħħet fis-17 ta' Marzu 1942. Kien Jaħdem f'ħanut tar-*radios*, flok Maurice Stationers.


Don Mesquita

Cafe & Wine Bar
5A Mesquita Sqr. Mdina.

For bookings call :
Mob: 79897789 • Tel: 27026640

We take bookings for private Functions.

An experience not to be missed.